IL-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 15.6.2016*
*C(2016) 3705 finali*

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Regolament dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u l-istabbiliment ta' Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 {COM(2015) 613 finali}.*

*Din il-proposta tagħmel parti minn Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa mfassla biex tiġġenera tkabbir, trawwem l-innovazzjoni u tgħin lill-passiġġieri biex japprofittaw minn titjiriet aktar sikuri, aktar ekoloġiċi u orħos. L-istrateġija tikkontribwixxi direttament għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-Impjiegi u t-Tkabbir, għas-Suq Uniku Diġitali, għall-Unjoni tal-Enerġija u għall-UE bħala attur globali.*

*Il-proposta msemmija hawn fuq għandha l-għan li tħejji l-qafas regolatorju tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Unjoni għall-isfidi fl-għaxar jew fil-ħmistax-il sena li ġejjin. Għal dan l-għan, il-proposta hija maħsuba biex tissimplifika s-sistema regolatorja, iżda li żżomm livelli għolja ta' sikurezza fl-istess ħin. Hija tippromwovi l-proċess kooperattiv għall-ġestjoni tas-sikurezza biex titjieb il-kapaċità biex jiġu identifikati r-riskji għas-sikurezza. Id-diskrepanzi fis-sistema regolatorja ngħalqu u l-konsistenza tjiebet. Il-proposta trawwem l-integrazzjoni bla xkiel ta' teknoloġiji ġodda u żviluppi fis-suq fil-qafas regolatorju, u b'hekk tinkoraġġixxi l-innovazzjoni. L-aħħar iżda mhux l-inqas, tipprovdi għodda biex trendi s-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni aktar effiċjenti.*

*Il-Kummissjoni tilqa' l-appoġġ tal-Kamra tad-Deputati għall-għanijiet tal-proposta, b'mod partikolari sabiex tkun żgurata s-sikurezza, l-effiċjenza u l-kompetittività, kif ukoll biex jiġi estiż il-qafas tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Unjoni għal inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, servizzi ta' groundhandling u aspetti tas-sikurezza tad-disinn tal-inġenji tal-ajru u tas-sistemi tal-avjazzjoni.*

*Il-Kummissjoni tinnota li skont il-Kamra tad-Deputati, il-proposta tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li r-responsabbiltà tas-sorveljanza tas-sikurezza*

*Is-Sur Anġlu FARRUGIA*
*President*
*tal-Kamra tad-Deputati*
*Triq ir-Repubblika*
*MT — VALLETTA VLT 1115*

*tal-avjazzjoni ċivili hija tal-Istati Membri u li, għalhekk, ċerti kompiti ta' sorveljanza ma jistgħux jiġu trasferiti lejn l-istituzzjonijiet Ewropej.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, kif spjegat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta, li t-trasport bl-ajru huwa fil-biċċa l-kbira ta' natura transnazzjonali u għalhekk, min-natura tiegħu, jitlob approċċ regolatorju fil-livell tal-Unjoni. F'dan ir-rigward hemm qbil ġenerali, inkluż b'mod partikolari fost l-Istati Membri li huma meħtieġa regoli komuni li jilħqu livell għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili. B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tal-groundhandling, il-proposta hi maħsuba biex timla vojt ta' sikurezza minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' sikurezza tal-UE mmirata direttament lejn fornituri ta' servizzi ta' groundhandling. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-regolamentazzjoni fil-livell tal-Unjoni se tiżgura konsistenza regolatorja għas-sikurezza tas-servizzi tal-groundhandling fis-suq intern kollu.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-mekkaniżmu l-ġdid propost skont l-Artikolu 53 tal-proposta, li jippermetti lill-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (EASA) biex issir awtorità kompetenti għal ċerti aspetti li bħalissa huma taħt is-sorveljanza tal-Istat Membru huwa mekkaniżmu volontarju. Huwa għalhekk f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu li jirrikorru għaliha jew le. Il-mekkaniżmu huwa maħsub bħala għodda għall-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar ta' riżorsi fi ħdan is-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni, u b'hekk jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tagħhom. Il-possibbiltà għal Stat Membru li jitlob lill-EASA biex taġixxi bħala l-awtorità tal-avjazzjoni kompetenti tiegħu mhijiex ġdida u teżisti taħt ir-Regolament attwali meta niġu għal ċertifikazzjoni u sorveljanza ta' produzzjoni, organizzazzjonijiet u simulaturi tat-titjir. Kemm taħt ir-Regolament attwali kif ukoll taħt il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni, meta l-EASA twettaq il-funzjonijiet li għalihom Stat Membru huwa responsabbli taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago, l-EASA taġixxi biss bħala rappreżentant awtorizzat ta' dak l-Istat Membru skont dik il-Konvenzjoni ta' Chicago.*

*Bi tweġiba għal mistoqsijiet aktar tekniċi fl-Opinjoni Motivata, il-Kummissjoni tixtieq tirreferi għall-Anness ta' din l-ittra.*

*Il-punti mqajma f'din it-tweġiba huma bbażati fuq il-proposta inizjali ppreżentata mill-Kummissjoni li hija attwalment fil-proċess leġiżlattiv li tinvolvi kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill fejn il-gvern tiegħek huwa rappreżentat.*

*Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki pprovduti jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku tagħna fil-ġejjieni.*

*Dejjem tiegħek,*

*Frans Timmermans*
*L-ewwel Viċi President*

*Violeta Bulc*
*Membru tal-Kummissjoni*

## *ANNESS*

*Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa kull waħda mill-kwistjonijiet imqajma mill-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni Motivata tagħha u bi pjaċir toffri l-kjarifiki li ġejjin miġbura skont is-suġġett.*

Dwar l-atti delegati:

*Fir-rigward tal-atti delegati, il-maġġoranza tas-setgħat korrispondenti proposti mill-Kummissjoni jikkostitwixxu allinjament ta' referenzi għall-Proċedura Regolatorja bi Skrutinju, użat fir-Regolament 216/2008 mar-regoli introdotti mit-Trattat ta' Lisbona. L-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni tipprovdi l-qafas legali li jidentifika liema oqsma jeħtieġu ċertifikazzjoni u liema standards ta' sikurezza għandhom jintlaħqu. Id-dettalji għandhom ikunu pprovduti minn atti delegati. Diġà llum il-funzjonament tas-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni tiddependi fuq bosta atti tal-Kummissjoni (regoli ta' implimentazzjoni) li huma r-referenza primarja għall-industrija fejn jidħlu d-dettalji.*

*Din l-istruttura b'żewġ saffi hija essenzjali biex tingħata l-flessibbiltà neċessarja biex twieġeb fil-ħin għal bidliet internazzjonali u teknoloġiċi. Din l-istruttura se trendi wkoll possibbli approċċ iktar ibbażat fuq ir-riskju u proporzjonat biex jiġu rregolati l-attivitajiet differenti tal-avjazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hija timpenja ruħha biex tiġbor, qabel ma tadotta atti delegati, il-kompetenza meħtieġa, inkluż permezz tal-konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri. Dan huwa konformi mal-Ftehim Interistituzzjonali reċenti dwar Tfassil aħjar tal-Liġijiet.*

Dwar il-finanzjament tal-EASA permezz ta' ħlasijiet tar-rotot tal-ajru:

*Il-Kummissjoni tipproponi ħlasijiet tar-rotot tal-ajru bħala forma possibbli ta' dħul sabiex tiħejja t-triq għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-prinċipju ta' min juża jħallas fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ATM/ANS) kif kien il-każ qabel ma d-dmirijiet marbutin mal-awtorità relatata mal-ATM/ANS ġew trasferiti minn Eurocontrol għall-EASA fl-2009. L-Eurocontrol kien jiffinanzja dawn l-attivitajiet permezz ta' ħlasijiet tar-rotot tal-ajru. Minkejja t-trasferiment tal-kompiti mill-Eurocontrol lill-EASA, il-bażi tal-ispejjeż għal ħlasijiet tar-rotot tal-ajru ma ġiex emendat kif xieraq, anke jekk l-EASA tiffinanzja wkoll dawn l-attivitajiet permezz ta' kontribuzzjoni tal-UE annwali tagħha. Għalhekk l-Istati Membri jħallsu darbtejn għal dawn l-attivitajiet, permezz ta' ħlasijiet tar-rotot tal-ajru u l-flus tal-kontribwenti permezz tal-kontribużżjoni annwali tal-UE għall-EASA. Il-proposta tal-Kummissjoni se tagħmilha possibbli li tiġi indirizzata din id-duplikazzjoni. Madankollu, sabiex tiġi eliminata b'mod effettiv, aktar azzjonijiet leġiżlattivi u prattiċi xorta jkunu meħtieġa fil-kuntest tal-Ajru Uniku Ewropew.*

Dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-uniformità u l-konformità mal-istandards u l-prattiki rakkomandati (SARPs) tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO):

*L-abbozz tar-regoli li jinsabu fil-proposta huma tali li l-applikazzjoni tagħhom għandha tassisti lill-Istati Membri fit-twettieq tal-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago.*

*Dan l-għan ikun imsaħħaħ aktar, fost oħrajn, permezz ta' wieħed mill-għanijiet bażiċi, jiġifieri li tiġi żgurata interpretazzjoni komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tiegħu (Artikolu 1, paragrafu 2(e) tal-proposta). Ir-rekwiżiti essenzjali u r-regoli ulterjuri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tagħhom li huma stabbiliti fir-Regolament għandhom jiżguraw li l-Istati Membri jissodisfaw, b'mod uniformi, l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Chicago, inklużi dawk fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Fejn ir-regoli tal-Unjoni huma differenti mill-istandards minimi stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Chicago, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-ICAO skont dan.*